24 ta' Ġunju 2016
53/2016

ISQOF MALTI GĦAL ĠIBILTÀ

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku ħatar lil Mons. Carmelo Zammit Isqof ta' Ġibiltà. L-aħbar ingħatat waqt konferenza tal-aħbarijiet fil-Katidral ta' 'Saint Mary the Crowned' f'Ġibiltà stess, fil-preżenza ta' Mons. Zammit.

Mons. Carmelo Zammit huwa mill-Gudja, għandu 66 sena u ġie ordnat saċerdot fl-1974. Sal-lum huwa kien il-Vigarju Ġudizzjali tal-Arċidjoċesi ta' Malta, kariga li ilu jservi minn Mejju tal-2015.

L-Isqof-elett ta' Ġibiltà, Mons. Carmelo Zammit, huwa s-suċċessur tal-Isqof Ralph Heskett li fl-2014 inħatar Isqof tad-Djoċesi ta' Hallam, f'Liverpool, l-Ingilterra.

Fl-ewwel kummenti wara li tħabbret uffiċjalment il-ħatra tiegħu, l-Isqof-elett qal li huwa laqa' b'emozzjoni ta' biża imma fl-istess ħin b'ferħ kbir, ix-xewqa tal-Papa Franġisku li jsir Isqof ta' Ġibiltà. Qal li ftit tal-jiem ilu n-Nunzju Appostoliku tar-Renju Unit talbu jiltaqa' miegħu biex jagħtih l-aħbar. Qal li huwa ta' unur u privileġġ kbir għalih li jiġi fdat mill-Papa Franġisku b'din il-missjoni, u li huwa ser jafda fil-ħniena kbira ta' Alla u fil-ħarsien tal-Madonna, waqt li jagħmel l-almu tiegħu biex jaqdi l-Knisja bħala Isqof ta' Ġibiltà.

Mons. Zammit qal li qatta' aktar minn nofs il-ministeru saċerdotali tiegħu f'Ġibiltà, u issa ser iqatta' l-bqija ta' ħajtu fil-post fejn beda l-ministeru tiegħu. Qal li l-Mulej Ġesù verament jaħdem b'mod misterjuż f'ħajjitna. "Nitlob l-għajnuna ta' Alla, bl-interċessjoni ta' Sidtna Marija taħt it-titlu ta' Madonna tal-Ewropa (Patruna ta' Ġibiltà), filwaqt li ninsab konvint mill-appoġġ tal-qassissin u l-poplu ta' Ġibiltà", temm jgħid l-Isqof-elett, Monsinjur Carmelo Zammit.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org